IDEJN L-IMGHALLEM

(1)

Miżrugħa l-iskalora
Kif tmut tifrex l-egħruq;
Jitrabba qajl-qajl magħleb
U jitla' 'l fuq, 'il fuq.

U jibqa' tiela', tiela'
Iż-zokk jitwal daqs stwiel,
W iżomm dritt sew bħal xemgħa
La 'l hawn la 'l hinn ma miel.

Diż-żergħa ta' skalora,
Għid jekk setax isir,
Li tgħix u tbid taħt l-art?
Tinġabar f'dat-tkasbir?

Kbir Int Mulej u Lilek
Kull sebħ u kull tifħir!

(2)

Intradmu tal-patata
L-egħkiesi ġol-hamrija;
Iberkel f'nofshom magħleb
W ibid f'art imsoqqija,
Patata b'sitt egħkiesi
U trodd, disgħin jew mija!

U dawn il-mitt patata
Marbuta ma' l-egħruq,
Għid jekk setgħux joqogħdu
Miz-zokk iħarsu 'l fuq?
Kbir Int bla tarf, tal-għaġeb!
Int Ġmiel u m'għandekx Tluq!! (1).

R. M. B.

(1) Tluq: Bidu.